**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**SEDUTA TAD-DISTRETT TA' TAS-SLIEMA**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 19 ta' Jannar 2024

Każ Numru: 7996/2023

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kirsten Camilleri**

(Detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 291187M)

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata, Kirstin Camilleri, imwielda fil-21 ta' Ġunju 1987, bint Mario Camilleri u Emanuela Camilleri nee Galea u residenti The Oaks, Fl. 1, Triq tas-Sliema, Gżira, akkużat talli nhar it-18 ta' Lulju 2023 għal ħabta ta' bejn in-nofs siegħa (12:30hrs) u s-siegħa ta' wara nofs inhar (13:00hrs) ġewwa 124, The Oaks Flats, Triq tas-Sliema, Gzira:

1. Ġibt ruħek b'tali mod li tajt fastidju lil Ana Ramadanova, u b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li għamilt kien ta' fastidju għal Ana Ramadanova. Art251A(1)(a)(b) Kap 9.
2. Bl-imġiba tiegħek, ikkaġunajt lil Ana Ramadanova biża li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħha. Art.251B(1) Kap 9.

3. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art 338(dd) Kap 9.
4. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor li Ana Ramadanova. Art339(1)(e) Kap 9.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex titratta mal-imputata bħala reċidiva ai termini tal-artikolu 53 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ġiet misjuba ħatja u kkundannata għal reat b'sentenza ta' reat Maltin liema sentenza saret definittivi.

Rat li wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-imputazzjonijiet kontra l-imputata bil-ġurament tiegħu, din li wieġbet mhux ħatja.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.
Il-Qorti rat l-ordni tagħha sabiex ma dan il-proċess jiġi anness il-proċess fl-istess ismijiet bin numru 3824/2023.

Semgħet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Provi</u>**

In sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputata, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud il-kwerenta Ana Ramadanova, affidavit ta' PC393 D. Tabone u affidavit ta' PC2431 S. Farrugia. Min naħa l-oħra d-difiża straħet fuq ix-xhieda tal-imputata.

Din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma kemm lill-kwerelanta kif ukoll lill-imputata. Waqt ix-xhieda imsemmija, minħabba konflitt bejn dak li xehdet l-imputata u l-kwerelanta, l-avukat tal-kwerelanta talab konfront taż-żewġ xhieda.

Din il-Qorti qieset sew ix-xhieda tal-imputata kemm waqt id-depożizzjoni spontanja tagħha kif ukoll waqt il-konfront, u ma tistax ma tirrimarkax ċertu nkonsistenzi li rriżultaw kemm meta l-qorti tqis ix-xhieda tagħha weħidha, kif ukoll waqt l-imsemmi

konfront. Il-Qorti fil-fatt tqis ix-xhieda tal-kwerelenta bħala kredibbli, bil-konsegwenza li sejra tiskarta x-xhieda tal-imputata f'dawk il-partijiet li jikkonfliġġu mal-verżjoni tal-kwerelanta.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li minn dokumenti mmarkati bħala Dok AR1, Dok AR2 u Dok AR3 ippreżentati mil-kwerelenta din ma kienitx l-ewwel darba li kien hemm inċidenti simili mal-imputata.

## B. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Issa f'dan il-każ il Qorti qieset, wara li eżaminat l-imġieba, l-kondotta u karattru tax-xhud hekk kif jitlob l-artikolu 637 tal-Kapitolu 9, din il-Qorti trid tasal għal konklużjoni dwar il-kredibilta jew mod ieħor tax-xhud.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** deċiża fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, waqt li kwotat sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, u Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino' deċiża nhar id-19 t' Ottubru 2006, irriteniet:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza "Pulizija vs Joseph Thorn" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx (ara ukoll 'Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino' 19 t' Ottubru 2006)."*

Imbagħad il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, irriteniet illi:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Din il-Qorti għaldaqstant wara li analizzat il-provi prodotti u l-verżjoniiet konfliġġenti tax-xhieda, tasal għal konklużjoni li l-imputata mhix kredibbli, u għalhekk sejra temmen lil-kwerelanta.

Għar-raġunijiet kif esposti aktar il-fuq partikularment mix-xhieda tal-kwerelanta, kif korroborata mil-fatti l-oħra li jiċċirkondaw dan il-każ il-Qorti hija konvinta illi t-tieni sar-raba imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat ġew ppruvati sal-grad rikjest mill-Liġi, u se tkun qed issib ħtija dwarhom.

L-ewwel imputazzjoni, li ġiet limitata għad-data u ħin tal-inċident ma tirriżultax, u din il-Qorti se tkun qed tillibera lill-imputata minna.

Il-Qorti, wara li rat is-sentenza ta' nhar l-20 ta' Ġunju 2023 ta' din il-Qorti kif preseduta, ai fini tat-talba tal-prosekuzzjoni taħt l-artikolu 53 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, se tkun qed titratta mal-imputata bħala reċidiva.

## C. <u>Konklużjoni</u>

Għal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputata Kirsten Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 291187M mil-ewwel (1) imputazzjoni u wara li rat l-artikoli 53, 251B(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputata Kirsten Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru

291187M ħatja tat-tieni (2) sar-raba' (4) imputazzjoni u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-ħatja bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jgħodd mid-data ta' din l-ordni.

Finalment, bis-saħħa u ai termini ta` l-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteġġjament tagħha, kif riżultanti mill-atti, fil-konfront ta' Ana Ramadanova bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta` u għall-protezzjoni ta' Ana Ramadanova, u għaż-żamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qiegħda bil-preżenti u f'termini ġenerali tagħmel Ordni ta` Protezzjoni fil-konfront tal-ħatja Kirsten Camilleri billi tipprojbixxi u tirrestrinġi lill-istess Kirsten Camilleri milli tavviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Ana Ramadanova, u billi tipprojbixxi lil istess Kirsten Camilleri milli tikkuntattja jew jimmolesta lil Ana Ramadanova, u din l-Ordni għanda tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawża tgħaddi in ġudikat.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-ħatja l-konsegwenzi jekk hija tikser din l-Ordni, kif ukoll fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, il-portata tas-sentenza.

Tordna li din is-sentenza tiġi kkomunikata lill-Ana Ramadanova.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**